

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tad-29 ta' April 2015****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2013**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2013,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0074/2015),
- A. billi, skont ir-rapporti finanzjarji tagħha, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2013 kien jammonta għal EUR 167 023 535, li jirrappreżenta żieda ta' 5,15 % meta mqabbel mal-2012;
- B. billi, skont ir-rapporti finanzjarji tagħha, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2013 kienet tammonta għal EUR 35 829 562, li tirrappreżenta żieda ta' 0,2 % fuq l-2012;
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2013 ("ir-rapport tal-Qorti"), stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Segwitu għall-kwittanza 2012

1. Jikkonstata mir-rapport tal-Qorti li fir-rigward ta' kumment li sar fir-rapport tal-Qorti tal-2011 u mmarkat bħala "Għadha għaddejja" fir-rapport tal-Qorti tal-2012, ittieħdet azzjoni korrettiva u l-kumment huwa issa mmarkat fir-rapport tal-Qorti tal-2013 bħala "lkkompletata"; jikkonstata, barra minn hekk, li għall-erba' kummenti li saru fir-rapport tal-Qorti tal-2012, ittieħdu azzjonijiet korrettivi u żewġ kumment minnhom huma issa mmarkat bħala "lkkompletata" filwaqt li t-tnejn l-oħra huma mmarkat bħala "Mhux applikabbli";
2. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija li:
 - l-informazzjoni u l-istatistika dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess ġew inklużi fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2013,
 - is-CVs, id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tad-Direttur Eżekuttiv, id-Diretturi u l-Kapijiet tad-Dipartiment ġew ippubblikati kompletament fuq il-websajt tal-Aġenzija fil-1 ta' Diċembru 2014, kif mitlub mill-awtorità ta' kwittanza f'2014,
 - informazzjoni dwar l-impatt tal-attivajiet tal-Aġenzija fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni hija pprovduta fuq il-websajt tagħha permezz tal-pubblikazzjoni annwali ta' dokumenti strateġiċi inklużi r-Rapport Annwali Ġenerali, ir-Rieżami Annwali dwar is-Sigurtà, u l-Programm ta' Ħidma,

Kummenti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3. Jieħu nota tal-fatt li fl-2013, l-Aġenzija nefqet madwar EUR 22 000 000 fuq proċeduri ta' akkwist biex tester-nalizza parti mill-attivajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha lill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Nazzjonali u Entitajiet Kwalifikati; jirrikonoxxi li l-proċess ta' allokkazzjoni ta' kompiti ta' ċertifikazzjoni speċifiċi lill-partijiet kontraenti, kif ukoll il-kriterji li għandhom jintużaw, ġew deskritti flinji gwida speċifiċi stabbiliti mill-Aġenzija permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tagħha;

4. Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb it-trasparenza tal-esternalizzazzjoni permezz ta' dokumentazzjoni aħjar tal-proċessi tal-allokazzjoni, inklużi l-valutazzjonijiet li jsiru abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-linji gwida; jinnota bi tħassib li dan japplika wkoll għall-allokazzjoni tal-bosta kuntratti oħra ta' valur baxx lill-offerenti;

Impenji u riporti

5. Jikkonstata li l-livell totali tal-appropriazzjonijiet impenjati kien ta' 98 %, u jvarja bejn 92 % għat-Titolu III (Infiq operattiv) u 98 % għat-Titolu II (Infiq amministrattiv);
6. Jieħu nota tat-tnaqqis ġenerali fil-livell totali tal-appropriazzjonijiet impenjati li ġew riportati minn EUR 10 100 000 (11 %) fl-2012 għal EUR 7 200 000 (8 %) fl-2013; jinsab imħasseb li għalkemm naqas il-livell ġenerali ta' riporti, dan baqa' għoli għat-Titolu III, li jammonta għal EUR 3 400 000 (42 %); jindika li minkejja li n-natura pluriennali tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija tiġġustifika parzjalment ir-riporti, livell daqstant għoli jmur kontra l-prinċipju tal-annwalità tal-baġit;

Proċeduri ta' akkwist u ta' reklutaġġ

7. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ma għamlet l-ebda kumment fir-rapport tal-awditjar annwali tagħha għall-2013 fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Awtorità;
8. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija, li r-ekwiżiti li l-kandidati għandhom jissodisfaw fil-proċess tar-reklutaġġ ġew stabbiliti f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u li l-każ identifikat fir-rapport 2012 tal-Qorti huwa kkunsidrat magħluq;
9. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament fil-proċedura baġitarja, jiġifieri li l-persunal ifffinanzjat minn miżati mħallsa mill-industrija u b'hekk mhux ifffinanzjat mill-baġit tal-UE, m'għandux jiġi affettwat mit-tnaqqis annwali ta' 2 % applikat mill-Unjoni; iqis li l-Kummissjoni għandha tittratta lill-aġenziji ffinanzjati primarjament mill-baġit tal-Unjoni bħala każ separati, u tressaq qafas speċifiku għal aġenziji ffinanzjati prinċipalment mill-miżati tal-operaturi, li għandu jkun proporzjonali għas-servizzi pprovduti mill-aġenzija kkonċernata;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

10. Jikkonstata li matul l-2013, l-Aġenzija rrevediet 213-il dikjarazzjoni tal-interessi skont il-"Kodiċi ta' Kondotta għall-persunal tal-EASA" adottat fl-2012; jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-EASA u jissottolinja l-ħtieġa li jiġi rivedut il-kodiċi ta' kondotta sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali; jipproponi f'dan ir-rigward, li għandu jsir eżami regolari tal-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta u tal-każijiet innifishom mill-Qorti tal-Awdituri; jinnota li fl-2013 ġew identifikati żewġ każijiet ta' bibien iduru (revolving doors); jikkonstata li l-Aġenzija awtorizzat l-attivitajiet notifikati relatati maż-żewġ każijiet ta' bibien iduru (revolving doors) bil-patt u l-kundizzjoni li ma jikkuntattjawx u ma jinfluwenzawx lill-membri tal-persunal tal-Aġenzija u li jastjenu minn negozjati għal kuntratti diretti mal-Aġenzija matul perjodu ta' preklużjoni ta' 12 sa 24 xahar;
11. Jinnota bi tħassib li l-kwistjoni tal-kunflitti ta' interess hija estremament relevanti għal dak li jirrigwarda l-membri tal-bord ta' esperti, li jintalbu jittestjaw u jawtorizzaw il-prodotti; jesprimi t-tħassib kbir tiegħu għaż-żewġ każijiet ta' bibien iduru identifikati mill-Aġenzija fl-2013, u jirrakkomanda li l-Aġenzija tkompli ssaħħaħ il-politika ta' indipendenza tagħha, speċjalment fil-pubblikazzjoni tas-CVs u d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-managers, il-membri tal-Bord Konsultattiv u l-bord ta' esperti sa tmiem Settembru 2015; jappella lill-Aġenzija tadotta politiki komprensivi għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet fejn ikun hemm kunflitti ta' interess, bħal pereżempju l-privazzjoni tal-uffiċjal pubbliku mill-interessi, is-skwalfika tal-uffiċjal pubbliku mill-involviment fi proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet affettwat, restrizzjoni fl-aċċess għal informazzjoni partikolari għall-uffiċjal pubbliku involut, l-arranġament mill-ġdid tad-dmirijiet tal-uffiċjal pubbliku jew ir-riżenja tal-uffiċjal pubbliku mill-kariga;

Kontrolli interni

12. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija li ġew implimentati verifiki *ex ante* u *ex post* wara diskussjonijiet mal-Qorti u kif rakkomandat mill-awtorità tal-kwittanza; jieħu nota tal-fatt li l-kontrolli skont ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, *ex post* mhumiex obligatorji; jinnota li ġie stabbilit pjan annwali għal verifiki *ex post*, li huwa bbażat fuq ir-riskji u jinkludi proċeduri ta' akkwist pubbliku;

Awditjar intern

13. Jieħu nota tal-fatt li s-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni ħareġ rapport dwar rieżami limitat wieħed fir-rigward tal-ġestjoni tal-proġetti tal-IT fl-2013, li wassal għal żewġ rakkomandazzjonijiet "Importanti ħafna"; jinnota barra minn hekk li l-IAS wettaq awditjar addizzjonali fuq l-Elementi Fundamentali tal-Assigurazzjoni, li rriżulta f'opinjoni ta' assigurazzjoni raġonevoli kif ukoll f'żewġ rakkomandazzjonijiet "Importanti ħafna"; jinnota li 22 mit-23 rakkomandazzjoni "Importanti ħafna" maħruġa mill-IAS fis-snin ta' qabel ġew ikkonfermati mill-IAS bħala kkompletati;

Kummenti oħra

14. Jieħu nota tal-fatt li l-Aġenzija ilha taħdem fuq bażi ta' korrispondenza u skambji mal-Istat Membru ospitanti sa mill-2004, minn meta l-Aġenzija saret operattiva; jinnota madankollu li għadu ma ġiex iffirmit ftehim komprensiv dwar is-sede mal-Istat Membru ospitanti; jikkonstata li dan il-ftehim ikun jippromwovi t-trasparenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet operattivi tal-Aġenzija u l-persunal tagħha; jistieden lill-Aġenzija u l-Istat Membru ospitanti jindirizzaw din il-kwistjoni b'urġenza u jinfurmaw l-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress tan-negozjati;
15. Ifakkar li, skont l-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE miftiehem bejn il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni, l-aġenziji kollha għandu jkollhom ftehimiet dwar il-kwartieri ġenerali, li għandhom jiġu konklużi qabel ma tibda l-fażi operattiva tal-aġenzija; jinnota f'dan ir-rigward li l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol iffirmit ftehim dwar il-kwartieri ġenerali mal-Gvern Ġermaniż fl-2011; iħeġġeġ lill-Istat Membru ospitanti jikkonkludi ftehim mal-Aġenzija mill-aktar fis possibbli bil-għan li jiġu ċċarati r-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ġuridiċi nazzjonali, biex b'hekk l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-kompitu ġuridiku tagħha mingħajr xkiel; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-opportunità disponibbli din is-sena biex temenda l-att li jistabbilixxi l-Aġenzija sabiex jiġi garantit ftehim dwar il-kwartieri ġenerali, biex b'hekk l-Aġenzija tkun tista' topera mingħajr xkiel; jitlob għalhekk li jiġi notifikat dwar id-deċiżjoni finali b'rabta mal-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija;
16. Jenfasizza r-rwol fundamentali li għandha l-Aġenzija biex tiżgura l-ogħla livell possibbli ta' sigurtà fl-avjazzjoni fl-Ewropa kollha; jinnota barra minn hekk li r-rieżami li qed isir bħalissa tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew jista' jwassal biex jingħataw setgħat akbar lill-Aġenzija; jenfasizza li jekk dan ikun il-każ, l-Aġenzija se jkollha bżonn tingħata r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani neċessarji li jippermettulha twettaq il-kompiti tagħha b'suċċess;
17. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati ta' din id-data, P8_TA(2015)0130 (ara l-paġna 431 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).